BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 09/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

Qabel infetħet is-Seduta, is-Sindku u l-Kunsillieri bagħtu l-kondoljanzi tagħhom lil ex-Kunsillier, J.Borg għat-telfa ta' missieru.

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Minħabba li ma kien hemm l-ebda amenda J.Baldacchino ppropona u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/07 -* Saret talba lill-Kunsill Lokali sabiex jintrama *inflatable obstacle course* fil-Bajja s-Sabiħa għal perijodu tas-sajf. Wara li l-Kamra ddiskutiet din it-talba qablet li minħabba li l-applikant irid jarma għal aktar minn 21 ġurnata konsekuttiva l-applikant hu obligat japplika lid-Dipartiment tal-Artijiet u l-MEPA sabiex jarma u għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu jidderiġi l-applikant f'dan is-sens.Tqajjem il-punt li fl-uniku *area* li baqa' sabiex jarmaw attivitajiet simili hemm applikazzjoni pendenti l-MEPA sabiex jiġi armat *track* għal *quad bikes* u għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu jistenna d-deċiżjoni tal-MEPA fuq din l-applikazzjoni qabel iqis applikazzjonijiet oħra. Ukoll minħabba kwistjoni ta' *safety* ġie deċiż li għandu jiġi ppreparat *survey* li jimtela minn kull applikant meta applikazzjoni tintlaqa' mill-Kunsill Lokali. Kulħadd qabel.

*02/07* - South End Radio, li hu r-radju li ser jibda jxandar fil-lokal ippreżenta lista ta' prezzijiet għal reklamar u programmi lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega kemm kien joħroġ ġid minn programmi simili li l-Kunsill kien jagħmel żmien ilu fuq ir-radju tal-lokal. Kien ikun hemm kritika kostruttiva u l-programm kien ikun effettiv u jwassal ħidmet il-Kunsill fid-djar tan-nies. Għaldaqstant il-Kamra qablet li tagħmel programm fuq ir-radju darba fil-ġimgħa għal sena sħiħa.

## ***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-offerti pubbliċi u l-kwotazzjonijiet :-

- *Offerta Pubblika Nru. 03/12 – Kisi ta' Toroq*

| Nru. | Kuntrattur | ***Model Bill*** |
|---|---|---|
| 1 | Asfaltar Construcion Ltd. | €4014.10 |
| 2 | Polidano Bros. Ltd. | €3718.53 |

Il-Kamra qablet li qabel tieħu deċiżjoni għandha tieħu l-parir tal-Perit tal-Kunsill Lokali kif ukoll tieħu *feedback* mingħand il-Kunsilli Lokali fuq il-kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom.

- *Kwotazzjoni Nru. 06/12 – Provista ta' linka/toners/fax rolls*

| Nru. | Kuntrattur | Item A<br>Toner –<br>Canon NP-1550 | Item B<br>Fax Rolls | Item C<br>Toner – Epson<br>Aculaser M2000 |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Smart Office Supplies | €55.51 | €22.86 | €119.71 |
| 2 | Office Essentials Ltd. | €39.00 | €12.50 | € 94.95 |

Il-Kamra qablet li titlob lill-offerenti jekk humiex disposti jiġbru l-linka wżata u fejn jiddisponu minnha qabel tieħu deċiżjoni.

- *Kwotazzjoni Nru. 07/12 – Provista ta' Photocopy Paper*

| Nru. | Kuntrattur | A4 | A3 |
|---|---|---|---|
| 1 | Torres Office Supplies | €13.20 | €14.30 |
| 2 | Ramilene Office Supplies | €13.55 | €13.80 |
| 3 | Smart Office Supplies | € 14.16 | €12.98 |
| 4 | Office Essentials Ltd. | €14.16 | €13.70 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1 – Torres Office Supplies għal karti A4 u lill-Kuntrattur Nru. 3 – Smart Office Supplies għal karti A3 minħabba li kienu l-orħos.

- *Kwotazzjoni Nru. 08/12 – Provista ta' Garbage Bags*

| Nru. | Kuntrattur | Item A Garbage Bags 32" x 42" | Item B Garbage Bags 19" x 22" | Item C Garbage Bags tar-riċiklagg 26" x 32" |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Smart Office Supplies | €0.97 | €0.49 | €0.83 |
| 2 | Dove's Petshop | €1.05 | €0.50 | €0.80 |

Il-Kamra talbet sabiex ikollha *sample* tal-*garbage bags* taż-żewġ offerenti qabel tiġġudika din il-kwotazzjoni.

## ***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda l-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €57555.08 titħallas skont Skeda Nru. 07/12.

## ***AĠENDA -5***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- nhar is-27 ta' Lulju 2012 ser ikun hemm il-BBQ's taż-żewġ każini tal-banda f'parti minn Triq Birżebbuġa u f'parti minn Misraħ il-Knisja. Dawn iż-żewġ toroq ser ikunu magħluqa għat-traffiku bejn is-6.00pm u 12.00am.
- ser ikun hawn *fruit promotion* fuq il-Bajja nhar l-14, 25 ta' Lulju u d-9 ta' Awwissu.
- il-Kunsill ser jippreżenta applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema U.I.F. sabiex jiġu *upgraded* it-tlett bandli tal-lokal, stima approssimattiva ta' €70,000.
- il-kuntratt tal-*Contracts Manager* wasal fi tmiem l-ewwel sena tiegħu u għaldaqstant ser jibda l-proċess sabiex jiġi mġedded għal sena oħra.

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- issuġġerixxa li jsiru *showers* għall-pubbliku fil-Bajja s-Sabiħa. C.Muscat fakkar li ftit tal-ġimgħat ilu kienet ġiet titkellem ma' rappreżentanti tal-Kunsill kumpanija privata fuq dan is-suġġett. Is-Sindku rrimarka li sabiex isiru *showers* irid ikun hemm *drain* sabiex ilma bis-sapun la jibqa' nieżel il-baħar u lanqas jiġi ilma qiegħed fuq ir-ramel/blat. J.Baldacchino issuġġerixxa li nerġgħu ngħidu l-kumpanija privata sabiex titkellem man-negozji tax-xatt ħalli jaraw jistgħux jidħlu għal dan il-proġett huma.
- talab sabiex jiġi kkunsidrat li jsir *landscaping* fis-*soft areas* fi Triq Herakles. Kulħadd qabel.
- issuġġerixxa li tinħareg *expression of interest* sabiex naraw jekk hemmx art tal-privat fil-Qajjenza ħalli jixtriha l-Kunsill Lokali u jiżviluppaha bħala *playing-field*.
- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward ta' kummenti li qed ikun hemm fuq *facebook* għal tfigħ ta' karti fil-festa. Il-Kamra reġgħet ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha li żżomm il-prinċipju li min iħammeġ irid inaddaf. Għaldaqstant kulmin jitfa' karti fil-festa dan għandu l-obbligu li jnaddaf.

3) Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li qed jerġa' jkun hemm problemi kbar fir-rigward tat-trasport pubbliku.

- talab sabiex ir-*railing* li hemm fuq il-blat f'Dawret il-Qalb Imqaddsa jinbidel minħabba li nqasam u jinsab perikoluż kif ukoll titneħħa ħadida perikoluża minn fuq il-moll ta' ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbachov. Kulħadd qabel.

- saħaq li hemm bżonn isir immaniġġar tat-traffiku ħdejn il-Batterija Ferretti minħabba li qed ikun hemm ħafna inċidenti.

- issuġġerixxa li nistiednu rappreżentanti tal-għaqdiet lokali għal bibita fl-okkażżjoni tal-festa titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen. Kulħadd qabel u għaldaqstant l-istedina ser issir għat-Tlieta, 31 ta' Lulju 2012 fis-6.30pm.

4) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- irrimarka li qiegħed jisma ċertu diskors fuq it-*tipper truck* tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant talab sabiex ikun preżenti waqt ix-xogħol li jagħmel il-kuntrattur. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

- talab sabiex jinbidel *dustbin* li nħaraq quddiem il-Każin Laburista.

- ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn tinqata' l-bianca tax-xatt. Is-Sindku nforma l-Kamra li din ser tinqata' fil-ġimgħa li ġejja.

- irrimarka li nġibditlu l-attenzjoni li ġew mibgħuta lura fjuri li ntbagħtu mill-ELC mill-ħaddiem assenjat mal-Kunsill Lokali. C.Muscat irrimarka li sa fejn jaf hu l-fjuri kollha nżergħu f'Misraħ il-Knisja u f'Misraħ Tal-Pajtier pero' ser jiċċekkja dwar dan il-każ.

5) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- ressaq mozzjoni

  *"Il-Kunsill Lokali huwa kommess li tissebbaħ kull parti tal-lokalita` biex ma jkunx hemm paraguni bejn spazji u żoni residenzjali privileġġjati u oħrajn anqas attraenti. Il-Kunsill għandu jara li jaħdem biex iġib fix-xejn kemm jista' jkun kull preġudizzju, fama u stima negattiva li jista` jkun hemm għal ċerti żoni ta' residenzi fil-lokalita`. Bil-ħidma infrastrutturali f'dawn iż-żoni l-Kunsill ikun ukoll qiegħed jaħdem favur aktar inklużjoni soċjali fil-komunita'.*

  *Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jippreżenta talba formali lill-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex il-biċċa art li hemm f'Wesgħa Ramon Perellos fil-Qajjenza tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Birżebbuġa bl-iskop li tiġi żviluppata bħala area ta' rikreazzjoni għall-familji.*

  *Dan l-ispazju għandu jiġi żviluppat b'tali mod li jkun aċċessibbli għal kulħadd speċjalment għall- persuni l-aktar vulnerabbli u bi ħtiġijiet speċjali u b'mod li jikkumplimenta l-proġett tal-bini tal-promenade li ser isir mill-Gvern Ċentrali."*

  Din il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku. Kulħadd qabel. Għaldaqstant għandu jibda l-proċess sabiex tiġi devoluta l-art in kwistjoni.

- informa l-Kamra li ser issir *expression of interest* bla ebda obbligu taħt l-iskema *"Priority Axis 6 – Urban Regeneration and Improving the Quality of Life"* għall-bini ta' ċentru ċiviku f'art fi Triq Santa Katarina u jerġa' jinfetaħ il-proċess għad-devoluzzjoni tal-art. Is-Sindku rrimarka li din ser tkun it-tielet darba li l-Kunsill Lokali talab għad-devoluzzjoni tal-art, nisperaw li dan iseħħ. Kulħadd qabel.

- issuġġerixxa li bi ftehim ma' Transport Malta u Arriva Malta Ltd. l-marki tal-*bus stop* li hemm fil-Bajja s-Sabiħa direzzjoni lejn il-Belt jimxu 2-3 metri fid-direzzjoni tal-għassa sabiex il-karozzi jkunu jistgħu jitrakkaw aħjar mal-bankina u jiġi evitat li tingħalaq Triq Profs. Anton Tabone meta l-karozza tieqaf. Kulħadd qabel.

- issuġġerixxa li jsir *railing* mar-rampa għad-*disabled* fuq il-blat fi Triq il-Qajjenza.

- issuġġerixxa li ċ-ċint imwaqqa' f'Misraħ is-Summit jitneħħa/jiġi żarmat.

- qajjem il-punt li n-naħa tal-Klabb tal-Boċċi m'hemmx *railing* u jista' jkun ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm. Is-Sindku nforma l-Kamra li dan ir-*railing* ser isir mat-tkomplija tal-*promenade* u l-*upgrading* tal-parkeġġ. C.Cachia rrimarka li qed ikun hemm dak il-periklu minħabba li qed ikun hemm ammont kbir ta' imwejjed u siġġijiet maħruġa mill-ħwienet li mhux iħallu wisa' biżżejjed sabiex jgħaddu n-nies u għandna nitolbu d-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jaraw li n-negozji jimxu mal-permessi maħruġa mill-istess Dipartiment fuq imwejjed u siġġijiet.

- iħoss li hemm bżonn li jiġu ċċarati l-irwoli bejn dak li l-Kunsill Lokali qiegħed jistenna mill-*Contracts Manager* u viċi-versa sabiex ma jkunx hemm *misunderstandings* miż-żewġ naħat. Hekk joħroġ xogħol aħjar. Kulħadd qabel.

6) Il-Kunsilliera, Ms. B.Pace :

- irrimarkat li ta' kuljum qed ikun hemm ħafna skart li jitqiegħed fuq il-ħamrija fejn hemm is-*soft area* tas-siġar taż-żebbuġ fi Triq San Patrizju. Dan ma jistax li jkun tad-djar u għaldaqstant għandna niġbdu l-attenzjoni tal-ħwienet ta' din in-naħa li suppost għandhom kuntratt ta' ġbir ta' skart u li l-iskart m'għandux jibqa' jinħareġ fil-post imsemmi. Ukoll hemm bżonn ngħaddu rapport lill-pulizija fir-rigward ta' mużika b'volum għoli li qed tindaqq wara l-11.00pm f'din l-istess naħa.

- ġibdet l-attenzjoni li fi Triq San Patrizju ġiet miżbugħa *reserved parking* quddiem rampa. Din għandha tiġi *keep clear* sabiex ir-rampa ma tiġix ostakolata.

- informat lill-Kamra lis-sotto-kumitat għall-attivita' 'Inġeddu Tfulitna' beda jdur sabiex jiġbor *sponsors* għall-attivita'.

- irrimarkat li l-pont ta' fejn qabel kien hemm il-*lighthouse* hemm bżonn li jiġi rranġat għaliex hu perikoluż. Kulħadd qabel.

7) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- irrimarka li hemm bżonn li jsiru *gates* fil-ġnien ta' San Ġorġ sabiex nevitaw li tfal mill-bandli joħorġu u jiġu mill-ewwel fil-*main road*. Kulħadd qabel.

- talab sabiex isir il-manutenzjoni neċessarju fi Ġnien il-Kunsill Lokali. Kulħadd qabel.

- issuġġerixxa li kull nhar ta' Ħadd nibdew intellgħu l-bandiera tal-Kunsill Lokali fir-*roundabout* ta' Triq San Ġorġ. Kulħadd qabel.

8) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li nhar il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2012 ser ikun hemm laqgħa l-MEPA fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Powerstation u nhar il-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2012 ser ikun hemm *public consultation* fir-rigward ta' PA 02453/10 – '*To remove existing rubble dumped on site and construction of baling plant and related facilities'.* Il-Kunsill ser jattendi għaż-żewġ laqgħat. Informa l-Kamra li l-Kunsill diġa għamel l-oġġezzjonijiet tiegħu fuq iż-żewġ applikazzjonijiet.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-9.15pm. Seduta oħra ser issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Awwissu 2012 fis-7.00am.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |